**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT**
**DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 161/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**Vs**

**Eric Attard**

**Illum 30 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Eric Attard, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 00427789(M), imwieled ġewwa Ħaż-Żabbar fl-4 ta' Settembru 1989 u residenti fil-fond bl-isem "Thesore" Triq il-Mitħna, Żebbuġ, Malta, talli nhar is-26 ta' Ottubru 2021 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel ġewwwa Żebbuġ, Malta, u f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmula minnu fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Kellu fil-pussess tiegħu annimal perikoluż, cioè Panthera Pardus, fejn ma kienx reġistrat biex iżżommu, u dan bi ksur tar-Regolament 4(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19;

2. Ukoll talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi żamm annimal perikoluż, cioè Panthera Pardus, f'sit li ma kienx approvat mid-Direttur u dan bi ksur tar-Regolament 4(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19;

3. Ukoll talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi żamm annimal perikoluż, cioè Panthera Pardus, mhux ġewwa stabbiliment żooloġiku u dan bi ksur tar-Regolament 3(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19;

4. Ukoll talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi żamm annimal perikoluż, cioè Panthera Pardus, f'magħlaq li ma kienx spezzjonat u approvat mid-Direttur u dan bi ksur tar-Regolament 5(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19;

5. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' libertà kondizzjonata għal sentejn, liema sentenza ġiet mogħtija mill-Maġistrat Dr. R. Montebello LL.D. fil-21 ta' Jannar 2020, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel u dan bi ksur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti tittratta ma' Eric Attard bħala reċidiv ta' sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u l-iskwalifika miż-żamma jew ksib ta' xi warrant, liċenza, permess jew awtorità skond ir-Regolament 16 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 3 sa' 6 tal-proċess, fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li huwa ħati ta' l-ewwel erba' imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li il-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali tat-tweġiba tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha, iżda wieġeb li ma huwiex ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu;

Rat illi l-Prosekuzzjoni u d-Direttorat tas-Servizzi Veterinarji rtiraw it-talba għall-konfiska ta' l-annimal mertu ta' dawn il-proċeduri;

Rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq dwar dan il-każ;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar is-26 ta' Ottubru 2021 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel ġewwwa Żebbuġ, Malta, u f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmula minnu fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) kellu fil-pussess tiegħu annimal perikoluż, cioè Panthera Pardus, fejn ma kienx reġistrat biex iżżommu, u dan bi ksur tar-Regolament 4(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19; (2) ukoll talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi żamm annimal perikoluż, cioè Panthera Pardus, f'sit li ma kienx approvat mid-Direttur u dan bi ksur tar-Regolament 4(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19; (3) ukoll talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi żamm annimal perikoluż, cioè Panthera

Pardus, mhux ġewwa stabbiliment żooloġiku u dan bi ksur tar-Regolament 3(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19; (4) ukoll talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi żamm annimal perikoluż, cioè Panthera Pardus, f'magħlaq li ma kienx spezzjonat u approvat mid-Direttur u dan bi ksur tar-Regolament 5(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19; (5) u aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' libertà kondizzjonata għal sentejn, liema sentenza ġiet mogħtija mill-Maġistrat Dr. R. Montebello LL.D. fil-21 ta' Jannar 2020, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel u dan bi ksur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li huwa ħati ta' l-ewwel erba' imputazzjonijiet dedotti kontrih iżda li ma huwiex ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. F'tali ċirkostanzi u fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat għall-ewwel erba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' l-ewwel erba' imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

In kwantu rigwarda l-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti tosserva li l-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova in sostenn ta' din l-imputazzjoni partikolari fil-konfront ta' l-imputat u għaldaqstant, fin-nuqqas ta' prova dwar il-ħtija ta' l-imputat għal tali imputazzjoni, din il-Qorti ma tistax issibu hekk ħati ta' tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu iżda għandha tilliberah minnha.

In kwantu rigwarda t-talba tal-Prosekuzzjoni li f'każ ta' ħtija l-Qorti għandha tittratta ma' l-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tosserva li l-imputat fl-ebda stadju ma ammetta li huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova fir-rigward. Fin-nuqqas ta' prova dwar ir-reċidività ta' l-imputat, il-Qorti tqis li ma għandhiex u ma tistax tittratta miegħu bħala reċidiv.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti filwaqt li ħadet in konsiderazzjoni n-natura ta' l-ewwel erba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat, liema imputazzjonijiet ġew minnu ammessi, ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri.

Għaldaqstant, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tilliberah minnha u filwaqt ukoll li tiddikjara li fin-nuqqas ta' prova dwar ir-reċidività ta' l-imputat ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax u ma hijiex qed tittratta miegħu bħala reċidiv, wara li rat u ikkunsidrat l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 3(2), 4(1)(2) u 5(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.16 u l-Artikolu 45(1)(a) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta, ittenni li qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel erba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-multa ta' elfejn euro (€2,000).

Ai termini ta' l-Artikolu 14(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat jista' jħallas il-multa ta' €2,000 hawn imposta fuqu permezz ta' għaxar (10) pagamenti mensili konsekuttivi ta' €166.67 il-wieħed u żewġ (2) pagamenti mensili konsekuttivi ta' €166.66 il-wieħed, bl-ewwel pagament mensili jsir dovut fil-15 ta' Ġunju 2022 u kull

pagament mensili sussegwenti jsir dovut fil-15 il-ġurnata ta' kull xahar konsekuttiv sal-ħlas intier tal-multa ta' €2,000 hawn imposta fuqu.

Kemm-il darba l-imputat jonqos milli jħallas imqar pagament wieħed mill-pagamenti mensili hawn appena ffissati, il-multa ta' €2,000 jew kull bilanċ dovut minnha jsir dovut minnufih fl-intier tiegħu u d-dispożizzjonijiet kollha tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħoddu għall-kundanna ta' multa u għall-arrest u priġunerija jekk ma jsirx il-ħlas tal-multa, jew tal-bilanċ dovut minnha, jkunu jgħoddu fir-rigward ta' l-imputat.

Fid-dawl tal-fatt li l-Prosekuzzjoni u d-Direttorat tas-Servizzi Veterinarji rtiraw it-talba għall-konfiska ta' l-annimal mertu ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai temrini tar-Regolament 16(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19 u ta' l-Artikoli 23 u 30(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 370(6) u l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**